HAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IT-TMIEN KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 10 It-Tnejn, 2 ta' Marzu 2020**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn, 2 ta' Marzu 2020, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Renald Falzon (Sindku),
Jerome Caruana Cilia (Kunsillier)
Donnha Barbara (Kunsillier),
Charlie Cuschieri (Kunsillier),
Daniel Ablett (Kunsillier),
Marvin Zammit (Kunsillier),
Martina Grech (Kunsillier)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ralph Puli (Kunsillier)
Sean Apap Meli (Kunsillier),
George Muscat (Kunsillier)

**ASSENTI**

Dr Josef Masini Vento (Viċi Sindku)

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**TALBA**

Is-Sindku Renald Falzon ippresieda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**10/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**10/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-ittri ta' apoloġija preżentata mill-Kunsilliera Ralph Puli, Dr Sean Apap Meli u George Muscat

Il-Kunsill qabel li l-assenza hija ġustifikata u għaldaqstant approva l-ittri ta' apoloġija.

**10/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 09**

**Is-Sindku Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 9 li nżammet nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar 2020 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

Il-**Kunsillier Daniel Ablett** ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

Il-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Seba' Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**10/03 UnAudited FinancialStatements 2019**

**Is-Sindku Renald Falzon** pogga fuq il-Mejda kopja tal-unAudited Financial Statements, liema document gie diskuss mill-Kumitat Finanzji u mghoddi lill-membri**.**

**Ivvutaw Favur Seba' Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**10/04 Annual Budget 2020**

**Is-Sindku Renald Falzon** pogga fuq il-Mejda kopja tal-unAudited Financial Statements, liema document gie diskuss mill-Kumitat Finanzji u mghoddi lill-membri.

**Ivvutaw Favur Seba' Kunsilliera (7**) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni

**10/05 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**Is-Sindku Renald Falzon** nfurma li qed jingabru stimi ghall-upgrade tal-playing fields kollha li ghandna fil-lokalita'.

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** semmiet l-kwistjoni tal-infurzar, fejn ir-residenti qed javvicinaw lill-membri kollha, dwar bosta abbuzi b'mod partikolari fiz-zona f'Ta' Farzina.

.
**Is-Sindku Renald Falzon** qal li l-problema tal-infurzar hiija li l-Pulizija jinsabu minghajr staff filwaqt li LESA qed tahdem b'hinijiet limitati.

**Is-Sindku Renald Falzon** semma' l-fatt li waqt il-laqghat l-Kunsill Lokali dejjem jispicca attakkat minhabba l-fatt li skont Legislazzjoni Sussiddjarja 65.13 taghti s-setgha li l-Kunsill Lokali jittowja vetturi mit-toroq. Is-Sindku nfurma li din il-kwistjoni semmieha wkoll waqt is-Seduta Parlamentari tas-Sindki, fejn gibed l-

attenzjoni li din il-Ligi ma taghmilx sens, meta l-Kunsill m'ghandux post fejn jitfa' l-vetturi mitluqa.

Is-Sindku Renald Falzon infurma lill-membri li minkejja l-fatt li l-Kunsill qed jahdem b'servizz ta' emergenza, jinsab ghaddej b'ritmu tajjeb hafna fuq it-tindif tal-gonna kif ukoll fuq xoghol ta' zbir ta' sigar u arbuxelli, liema xoghol qed jigi mfahhar mir-residenti ukoll.

**08/05 TENDERS**

**08/05/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda t-tender Evaluation Report ghar-restawr tal-iStatwa San Gorg, fejn infurmat li l-membri tal-bord sabu li l-ebda ma kienet Technically compliant u ghaldaqstant qed jirrakkomandaw li t-tender taqa' u terga' tinhareg.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu r-rakkomandazzjoni tal-bord.

**08/05/02** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poggiet fuq il-mejda t-tender Evaluation Report ghar-restawr tal-iStatwa San Guzepp fejn infurmat li l-bord qed jirrakkomanda li tinghazel l-unika bid li hija technically compliant, ghas-somma ta'

**08/06 MOZZJONIJIET**

**0806/01 Mozzjoni numru 40 mressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

*Billi bħala Kunsill Lokali aħna kommessi li naħdmu għall-benesseri tar-residenti kollha.*

*Billi l-Kunsill Lokali għandu rwol li jissalvagwardja l-ħajja tar-residenti Qriema u oħrajn.*

*U billi bħala Kunsill Lokali aħna kommessi li nħarsu s-sigurtà tar-residenti. Wara li kellmuni numru ta' individwi qed nipproponi biex il-Kunsill Lokali jressaq formalment it-talba lil Transport Malta sabiex tagħmel il-pelican lights fi Triq l-Imdina, speċjalment viċin Dar Pinto, Triq l-Imdina, Ħal Qormi.*

*Is-Sindku Renald Falzon ssekonda.*

**Ivvutaw Favur Sebgha Kunsilliera (7** ) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**08/06/02 Mozzjoni numru 41 imressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

Qed inressaq din il-mozzjoni b'rabta mal-artiklu li deher fil-portal www.maltatoday.com.mtfis-17 ta' Jannar 2020: 14-storey tower set to dominate Qormi entrance

https://www.maltatoday.com.mt/environment/townscapes/99712/14storey_tower_set_to_dominate_qormi_entrance

Billi bħala Kunsill Lokali aħna kommessi li naħdmu għall-benesseri tar-residenti kollha.

Billi l-Kunsill Lokali għandu rwol ċentrali biex jiddefendi l-ambjent naturali tagħna u jara li l-kwalità tal-ħajja tar-residenti Qriema tkun dejjem aħjar. Qed nipproponi li:

− Il-Kunsill Lokali jikkummissjona x-xogħol ħalli jkollna l-opinjoni professjonali tal-Perit dwar il-proposta ta' dan il-proġett (project development statement) sabiex ikollna rapport li fih *prima facie* jgħidilnajekk l-iżviluppatur hux qed jimxi skont il-policy stabbilita mill-Gvern Ċentrali.

− Il-Kunsill Lokali jiddiskuti u anke jitlob l-għajnuna ta' NGO/s li jaħdmu favur il-qasam ambjentali u dak favur il-wirt storiku.

− Wara li tkellimt ma bosta persuni u residenti Qriema, qed nitlob biex formalment, wara li nirċievu l-opinjoni tal-Perit, nagħmlu laqgħa mal-iżviluppatur, is-Sur Joseph Portelli, sabiex inqajmu numru ta' punti u nressqu l-*feedback*u l-ilmenti tar-residenti. Fuq kollox, waqt il-laqgħa nassiguraw li npoġġu l-interessi tar-residenti Qriema u l-ġid komuni qabel kull interess ieħor.

Is-Sindku Renald Falzon issekonda l-mozzjoni u qal li hu diga ha pozizzjoni dwar dan il-progett. Is-Sindku Renald Falzon qal li l-Kunsill mghandux jintrabat mal-artiklu tal-gazzetta, izda ghandu jaghmel policy u jigbed linja b'mod ingenerali, ghaliex hemm zoni ohra fejn qed jigu proposti torrijeit, haga li taf timpatta hazin il-lokalita'.

Is-Sindku Renald Falzon ppropona li l-Kunsill jaghmel l-pressjoni mehtiega mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex isir Impact Assessement Reprot mill-Awtorita' u mhux mill-Kunsill Lokali. Biss se tkun qed titressaq oggezzjoni mill-Kunsill dwar dan il-progett. Is-Sindku Renald Falzon qal li huwa mportanti li jkollu lir-residenti warajh u jekk ikun bzonn jipprotestaw, flimkien mal-Kunsill.

**Ivvutaw Favur Sebgha Kunsilliera (7** ) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**10/07** **SKEDA TA' ĦLASIJIET**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2020.

**Il-Kunsillier Martina Grech** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ssekonda.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Frar 2020.

**SOTTO KUMITATI/ILMENTI/SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA**

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** talab li tiġi nstallata mera fi Triq l-Isqof Scicluna ma Triq Dun Marju.

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** fakkret lill-membri li l-Clean Up li jmiss se tinżamm is-Sibt fit-8.30a.m.

**Il-Kunsillier Martina Grech** talbet li bħala kunsillier responsabbli mit-tfal u ż-żgħażagħ tkun involuta fl-ippjanar u organizzar ta' attivitajiet li jiġu organizzati. Il-Kunsillier Martina Grech ġibdet l-attenzjoni li hi ma kinitx involuta u nfurmata bl-attivita' tat-tfal minn qabel.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** infurma li l-Kunsill se jibda jorganizza Fitness Classes kull nhar ta' Erbgħa għal prezz ta' €50 għal 20 sessjoni.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** infurma li fis-17 ta' Mejju se tinżamm attivita' sportiva oħra, fi Pjazza tal-Granmastru, fejn fost bosta logħob sportiv se ssir ukoll treasure hunt u water games.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** feraħ liż-żewġ presidenti tal-għaqdiet mużikali li ġew ikkonfermati fil-kariga.

**Il-Kunsillier Martina Grech** infurmat li l-għaqdiet tal-parroċċa San Ġorġ ġibdu l-attenzjoni u gergru għax ma kienux involuti fl-organizzar tal-attivita' tal-Karnival.

**Is-Sindku Renald Falzon** qal li hu avviċina, b'mod personali, lill-għaqdiet kollha. Is-Sindku Renald Falzon spjega li Pintonino ingħaqad mal-Kunsill fl-organizzar ta' din l-attivita'.

**Il-Kunsillier Martina Grech** qalet li l-attivita' kienet organizzata b'mod tajjeb ħafna.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** infurma li se terġa' tiġi organizzata l-attivita' għall-familja kollha 'Young Warriors' u ppropona li l-Kunsill iħallas is-sehem ta' tim ta' qriema, magħmul minn 10 persuni. Il-Kunsillier Ablett ippropona li tinfetaħ sejra għall-qriema kollha u jekk ikun hemm aktar minn 10 persuni, tiġi organizzata laqgħa apposta u jittellgħu bil-polza.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa jekk il-Kunsill kellux risposta dwar l-istima tal-Kampnar. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur kellu xi diffikulta' iżda hu nfurmat li l-kuntrattur kien qed jaħdem fuqha.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa dwar il-UBAR fi Triq Santa Katerina.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li f'April se tinżamm it-taħdida dwar l-Irritated Bowel Syndrome.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** fakkar fil-problema tal-ilma tar-residenza fi Triq San Franġisk k/m Triq San Pawl.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** talab li ssir manutenzjoni tal-bankina fi Triq Ġużè Galea minħabba l-fatt li tinsab fi stat ħażin ħafna.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** nfurma li kellu talba għat-tneħħija tal-Bring-in sites eżistenti fi Triq id-Deheb Fin ma Triq ix-Xitwa.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa jekk kienx hemm risposta dwar meta se jinbeda x-xogħol fi Triq il-Kanun minn Infrastructure Malta. Is-Sindku nfurma li għadhom ma tawx risposta.

**08/09 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fl-istess nhar tat-Tlieta 7 ta' Frar 2020 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Renald Falzon | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum, 7 ta' April 2020.